FRA EUROPEAN UNION AGENCY FOR FUNDAMENTAL RIGHTS

# XI JFISSRU D-DRITTIJIET FUNDAMENTALI GĦAN-NIES FL-UE?

## SOMMARJU

STĦARRIĠ DWAR ID-DRITTIJIET FUNDAMENTALI




2
X'jaħsbu u x'jafu n-nies dwar id-drittijiet tal-bniedem

6
Fehmiet dwar il-funzjonament tas-soċjetà demokratika u l-parteċipazzjoni politika

12
Amministrazzjoni tajba u korruzzjoni fis-servizzi pubbliċi

© L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, 2021.

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba s-sors jiġi rikonoxxut.

Għal kwalunkwe użu jew riproduzzjoni ta’ ritratti jew materjal ieħor li mhux taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, għandu jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

La l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali u lanqas kwalunkwe persuna li taġixxi f’isem l-Aġenzija ma hija responsabbli mill-użu li jista’ jsir mill-informazzjoni li ġejja.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2021.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Print | ISBN 978-92-9461-109-3 | doi:10.2811/4230 | TK-01-20-642-MT-C |
| PDF | ISBN 978-92-9461-088-1 | doi:10.2811/62685 | TK-01-20-642-MT-N |

Krediti għar-ritratti:
Qoxra: © iStock/filadendron
Paġna 5: © FRA
Paġna 6: © iStock/Vladimir Vladimirov
Paġna 10: © iStock/miodrag ignjatovic
Paġna 11: (xellug) © iStock/Chris Ryan; (lemin) © iStock/Zolnierek
Paġna 12: © iStock/notwaew
Paġna 13: (xellug) © iStock/Martinbowra; (lemin) © iStock/urbazon
Paġna 16: © iStock/mediaphotos

L-UE hija msejsa fuq il-valuri tad-demokrazija, tal-istat tad-dritt u tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. Madankollu, dawn il-valuri, u d-diskussjonijiet dwar id-drittijiet fundamentali fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri, jistgħu jidhru mbiegħda fil-ħajja ta' kuljum tan-nies.

Fid-dawl ta' dan, il-FRA esplorat x'jifhmu, x'jafu u x'jesperjenzaw in-nies fir-rigward tad-drittijiet fundamentali tagħhom fil-prattika. Id-*data* li tirriżulta tipprovdi evidenza komprensiva u komparabbli dwar dawn l-aspetti.

Dan is-sommarju jippreżenta l-informazzjoni intuwittiva ewlenija mir-riċerka tal-FRA. Din primarjament għandha l-għan li tinforma lill-istituzzjonijiet tal-UE, lill-gvernijiet u lill-istituzzjonijiet tal-Istati Membri, kif ukoll lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, dwar il-post tad-drittijiet fundamentali fis-soċjetajiet tal-UE – abbażi ta' x'jaħsbu u x'jesperjenzaw in-nies.

L-informazzjoni intuwittiva hija essenzjali għal dawk li jemmnu fit-tfassil ta' politika bbażata fuq l-evidenza li hija "minn isfel għal fuq". Dawk li xogħolhom jinkludi d-drittijiet fundamentali jistgħu jużaw id-*data* biex jinfurmaw u wkoll biex jikkontestaw is-suppożizzjonijiet tagħhom stess dwar x'jaħseb u x'jesperjenza l-pubbliku.

Is-sejbiet jistgħu wkoll jinfurmaw azzjoni dwar id-drittijiet fundamentali, u – fl-aħħar mill-aħħar – jintużaw biex jinkiseb impatt pożittiv fuq l-implimentazzjoni tad-drittijiet fil-prattika.

## Nota dwar it-terminoloġija

"Drittijiet fundamentali" huwa t-terminu użat għal "drittijiet tal-bniedem" fil-kuntest intern tal-UE. Fl-istħarriġ, xi mistoqsijiet użaw it-terminu "drittijiet tal-bniedem" għaliex in-nies li wieġbu għall-kwestjonarju jifhmu dan it-terminu b'mod aktar faċli. Dan is-sommarju juża ż-żewġ termini b'mod interkambjabbli.

## Stħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali: fatti ewlenin

L-Istħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali ġabar *data* f'29 pajjiż – 27 Stat Membru tal-UE, ir-Renju Unit (Stat Membru tal-UE fiż-żmien tal-ġbir ta' *data*), u l-Maċedonja ta' Fuq (l-uniku pajjiż mhux tal-UE bi status ta' osservatur għall-FRA fiż-żmien meta tfassal l-istħarriġ).

B'kollox, l-istħarriġ ġabar *data* minn 34 948 rispondent. F'kull pajjiż, ipparteċipa kampjun rappreżentattiv ta' rispondenti – li jvarja minn madwar 1 000 fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi għal madwar 3 000 persuna fi Franza u fil-Ġermanja.

L-Istħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali sar online fl-Awstrija, fid-Danimarka, fl-Estonja, fil-Finlandja, fi Franza, fil-Ġermanja, fl-Iżvezja, fil-Lussemburgu, fin-Netherlands u fir-Renju Unit. F'pajjiżi oħra, l-intervistaturi kkuntattjaw lir-rispondenti personalment. L-intervisti saru bejn Jannar u Ottubru 2019.

Ir-riżultati huma rappreżentattivi fil-livell tal-UE kif ukoll għal kull pajjiż f'termini ta' nies li għandhom 16-il sena jew aktar u li għandhom ir-residenza abitwali tagħhom fil-pajjiż fejn ipparteċipaw fl-istħarriġ.

# X'JAĦSBU U X'JAFU N-NIES DWAR ID-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM

**Il-biċċa l-kbira tan-nies jaħsbu li d-drittijiet tal-bniedem huma importanti għall-ħolqien ta' soċjetà aktar ġusta, iżda huwa anqas probabbli li dawk li huma soċjalment żvantaġġati jħossu li d-drittijiet tal-bniedem huma ta' benefiċċju għalihom.**

## OPINJONI 1 TAL-FRA

L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jieħdu miżuri mmirati biex jiżguraw li dawk li qed jitħabtu "biex ilaħħqu mal-ħajja", li huwa aktar probabbli li jaħsbu li mhux kulħadd igawdi l-istess drittijiet bażiċi tal-bniedem, ikunu infurmati b'mod effettiv dwar id-drittijiet tagħhom u kif jistgħu jitolbuhom. Dawn għandhom jimplimentaw ukoll azzjonijiet biex jgħinu jtejbu s-sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet għal nies li għandhom livelli ta' edukazzjoni aktar baxxi. L-Istati Membri tal-UE li jimplimentaw tali miżuri fil-livell nazzjonali għandhom jikkunsidraw l-użu tal-mekkaniżmi ta' finanzjament disponibbli tal-UE u l-involviment ta' atturi nazzjonali rilevanti, b'mod partikolari l-Istituzzjonijiet Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Korpi tal-Ugwaljanza u l-Istituzzjonijiet Ombuds.

Tali miżuri għandhom jinkludu sforzi biex jiġu kkomunikati, promossi u jsiru aċċessibbli d-drittijiet fundamentali li huma intitolati għalihom in-nies. L-Istati Membri jistgħu jesploraw fora u kanali differenti għal komunikazzjoni effettiva dwar id-drittijiet, billi jimmiraw lejn gruppi soċjali speċifiċi u jużaw il-midja soċjali flimkien mal-midja konvenzjonali, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

- ★ Kważi 9 minn kull 10 persuni (88 %) fl-UE jaħsbu li d-drittijiet tal-bniedem huma importanti għall-ħolqien ta' soċjetà aktar ġusta f'pajjiżhom. Dan ivarja minn "baxx" ta' 76 % fl-Ungerija għal "għoli" ta' 96 % f'Malta. Barra minn hekk, kważi żewġ terzi (64 %) ma jaqblux mad-dikjarazzjoni, "id-drittijiet tal-bniedem huma inutli għalija fil-ħajja ta' kuljum". Dan juri li n-nies fl-UE jemmnu b'mod wiesa' li d-drittijiet tal-bniedem jista' jkollhom rwol utli u sinifikanti f'ħajjithom.
- ★ Fl-istess ħin, kważi 7 minn kull 10 Ewropej (68 %) jaħsbu li xi wħud jieħdu vantaġġ inġust mid-drittijiet tal-bniedem. Terz (33 %) jaqblu mad-dikjarazzjoni "l-uniċi nies li jibbenefikaw mid-drittijiet tal-bniedem huma dawk li ma ħaqqhomx – bħall-kriminali u t-terroristi".
- ★ Ir-riżultati jindikaw rabta bejn l-introjtu u l-livelli ta' edukazzjoni tan-nies, u l-fehmiet tagħhom dwar id-drittijiet tal-bniedem. In-nies li jgħidu li jsibuha diffiċli biex ilaħħqu mal-ħajja bl-introjtu tal-unità domestika tagħhom (jiġifieri, ikollhom diffikultajiet biex iħallsu għall-affarijiet li jeħtieġu), u dawk li l-ogħla livell ta' edukazzjoni komplut tagħhom huwa edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell jew anqas, huma anqas probabbli li jħossu li kulħadd f'pajjiżhom igawdi mill-istess drittijiet tal-bniedem. Sadanittant, dawn iħossu wkoll li xi nies jieħdu vantaġġ inġust mid-drittijiet tal-bniedem.
- ★ Pereżempju, 44 % tan-nies li jsibuha diffiċli biex ilaħħqu mal-ħajja jaqblu mad-dikjarazzjoni li "l-uniċi nies li jibbenefikaw mid-drittijiet tal-bniedem huma dawk li ma jixirqilhomx, bħall-kriminali u t-terroristi". B'paragun ma' dan, 27 % tan-nies li qed ilaħħqu faċilment bl-introjtu attwali tagħhom jagħmlu dan. Barra minn hekk, 38 % tal-anzjani – dawk ta' 65 sena u aktar – jaqblu ma' din id-dikjarazzjoni, meta mqabbla ma' 27 % tan-nies ta' bejn is-16 u d-29 sena. Sadanittant, 43 % tan-nies li jesperjenzaw limitazzjonijiet severi fit-tul fl-attivitajiet tas-soltu tagħhom – bħal nies b'diżabilità jew problemi tas-saħħa fit-tul – jaqblu mad-dikjarazzjoni, meta mqabbla ma' 32 % ta' jesperjenzawx limitazzjonijiet bħal dawn.

- ★ Fi 11 minn 27 Stat Membru tal-UE, 50 % jew aktar jaqblu jew jaqblu ħafna li l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem mhumiex daqshekk problema f'pajjiżhom, iżda minflok huma xi ħaġa li sseħħ "xi mkien ieħor".
- ★ It-tqassim tar-riżultati skont il-karatteristiċi soċjodemografiċi juri li n-nies li huma kapaċi jlaħħqu mal-ħajja b'"diffikultà" jew b'"diffikultà kbira" huma anqas probabbli li jaqblu (jew jaqblu ħafna) li l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem mhumiex daqshekk problema f'pajjiżhom: 43 % jagħmlu dan, meta mqabbla ma' 54 % tan-nies li jlaħħqu mal-ħajja b'mod "faċli" jew "faċli ħafna". L-irġiel huma wkoll aktar inklinati li jesprimu din il-fehma (52 %) min-nisa (44 %).

**FIGURA 1: FEHMIET DWAR ASPETTI MAGĦŻULA TAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM (EU-27,%)**




Noti:
Mir-rispondenti kollha fl-EU-27 (n = 32 537); riżultati ponderati.

*Sors: FRA, Stħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali 2019 [Ġbir ta' data f'kooperazzjoni mas-CBS (NL), mas-CTIE (LU) u ma' Statistics Austria (AT)]*

**"L-Estonja hija ġeneralment pajjiż fejn id-drittijiet tal-bniedem huma rispettati, iżda l-problema hija, fil-fehma tiegħi, li huwa diffiċli li n-nies b'introjtu baxx (pensjonanti, nies b'diżabilità) jlaħħqu mal-ħajja."**

*(Raġel, ta' bejn is-16 u d-29 sena, rispondent tal-istħarriġ, l-Estonja)*

F'konformità mal-aġenda strateġika l-ġdida għall-UE għal bejn l-2019 u l-2024[1], il-bini ta' Ewropa ġusta u soċjali permezz tal-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali[2] – flimkien mat-"tranżizzjoni ġusta" għal futur ekoloġiku sostenibbli[3] – huwa prijorità ewlenija għall-UE. Fid-dawl ta' dawn l-impenji, li persuna tkun qiegħda u tgħix f'kundizzjonijiet ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali huwa ta' detriment għat-tgawdija sħiħa tad-drittijiet.

1 Kunsill Ewropew (2019), **Aġenda strateġika ġdida 2019-2024**.

2 Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni Ewropea, **Proklamazzjoni Interistituzzjonali dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali**, Brussell, 13 ta' Diċembru 2017, ĠU C 428. Il-**Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali** ikopri 20 prinċipju li jagħtu drittijiet ġodda u aktar effettivi liċ-ċittadini tal-UE. Dan għandu 3 oqsma ewlenin prinċipali: opportunitajiet indaqs u aċċess għas-suq tax-xogħol; kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti; u l-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali (Prinċipju 3, dwar l-opportunitajiet indaqs, jiddikjara li kulħadd għandu d-dritt għat-trattament u opportunitajiet indaqs rigward l-impjieg, il-protezzjoni soċjali, l-edukazzjoni, u l-aċċess għall-oġġetti u s-servizzi disponibbli għall-pubbliku).

3 Ara Kummissjoni Ewropea (2020), *Launching the Just Transition Mechanism – for a green transition based on solidarity and fairness* (It-Tnedija tal-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta – għal tranżizzjoni ekoloġika bbażata fuq is-solidarjetà u l-ġustizzja).

Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE hija direttament rilevanti meta jiġi implimentat id-dritt tal-UE, u se jkun diffiċli li jintlaħqu diversi drittijiet stabbiliti fil-Karta fir-rigward tal-gruppi l-aktar emarġinati soċjalment u ekonomikament fl-UE, li huwa rifless fir-riżultati ta' diversi mistoqsijiet tal-istħarriġ. Għadd ta' drittijiet tal-Karta huma rilevanti. Dawn jinkludu d-dinjità tal-bniedem (l-Artikolu 1); il-libertà tal-għażla ta' professjoni u dritt għax-xogħol (l-Artikolu 15); l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel (l-Artikolu 23); nondiskriminazzjoni (l-Artikolu 21); sigurtà soċjali u assistenza soċjali (l-Artikolu 34); il-kura tas-saħħa (l-Artikolu 35); u l-libertà ta' moviment u ta' residenza (l-Artikolu 45), biex insemmu ftit.

Id-dritt ta' aċċess għall-ġustizzja (l-Artikolu 47 tal-Karta) huwa rilevanti wkoll meta wieħed iħares lejn ir-riżultati tal-istħarriġ. L-aċċess għall-ġustizzja jiġi kompromess meta n-nies – speċjalment dawk fi gruppi emarġinati, bħal dawk li ma jistgħux "ilaħħqu mal-ħajja" finanzjarjament – jaraw il-kontrolli u l-bilanċi ta' sistema bħala "aljeni" fil-ħajja tagħhom ta' kuljum, li huwa aggravat min-nuqqas ta' għarfien dwar id-drittijiet u kif għandhom jiġu aċċessati.

## L-għarfien dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE huwa aktar baxx minn dak għal strumenti internazzjonali oħra tad-drittijiet tal-bniedem, u jiddependi mil-livell ta' edukazzjoni tan-nies.

### OPINJONI 2 TAL-FRA

B'segwitu għall-konklużjonijiet tal-2019 mill-Kunsill tal-UE dwar il-Karta, l-Istati Membri tal-UE għandhom jikkunsidraw kif l-aħjar jipprovdu "informazzjoni aċċessibbli" lill-pubbliku dwar id-drittijiet fundamentali minquxa fil-Karta. Dan jappoġġa wkoll lill-atturi nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem fl-isforzi tagħhom biex jippromwovu s-sensibilizzazzjoni u jtejbu l-implimentazzjoni tal-Karta.

Meta tippromwovi l-Karta, l-UE għandha tappoġġa skambju regolari bejn l-Istati Membri tal-UE dwar il-prattiki u t-tagħlimiet meħuda biex jinkisbu livelli ogħla ta' sensibilizzazzjoni u għarfien dwar il-Karta, speċjalment fl-Istati Membri fejn l-Istħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali juri livelli ta' sensibilizzazzjoni aktar baxxi. Dan jista' jsir bħala parti mill-impenn eżistenti fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar id-Drittijiet Fundamentali, id-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Moviment Liberu tal-Persuni (FREMP) biex isir djalogu annwali dwar il-Karta.

- ★ Wieħed minn kull żewġ persuni (53 %) semgħu bil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Anqas nies semgħu bil-Karta milli bil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Din is-sejba forsi hija mistennija minħabba li l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem għandha aktar minn 70 sena, filwaqt li l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE hija komparattivament "żagħżugħa", billi ġiet adottata 20 sena ilu. Madankollu, id-*data* tindika li d-distakk bejn is-sensibilizzazzjoni tan-nies dwar il-Karta u l-KEDB huwa l-iżgħar f'dawk il-pajjiżi li ngħaqdu fil-Kunsill tal-Ewropa fis-snin 90, u fejn il-KEDB ilha applikata għal żmien iqsar.

- ★ Nies b'livelli ta' edukazzjoni aktar baxxi huma anqas probabbli li jkunu semgħu dwar kwalunkwe wieħed mit-tliet strumenti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem li l-istħarriġ staqsa dwarhom – id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.
- ★ Minbarra l-edukazzjoni tan-nies, karatteristiċi soċjodemografiċi oħra assoċjati ma' sensibilizzazzjoni aktar baxxa tal-istrumenti tad-drittijiet tal-bniedem li l-istħarriġ staqsa dwarhom jinkludu diffikultajiet biex wieħed ilaħħaq mal-ħajja bl-introjtu attwali tal-unità domestika, età akbar (minn 65 sena 'l fuq), u li persuna tkun qiegħda jew irtirata.

Il-Karta hija waħda mill-istrumenti l-aktar moderni u komprensivi legalment vinkolanti tad-drittijiet tal-bniedem. Din għandha l-istess valur legali tat-Trattati tal-Unjoni Ewropea. L-Artikolu 51 tal-Karta jirrikjedi li l-UE u l-Istati Membri – meta jaġixxu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-UE – jirrispettaw id-drittijiet, josservaw il-prinċipji u jippromwovu l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Karta. Il-**konklużjonijiet tal-2019 tal-Kunsill tal-UE dwar il-Karta** jappellaw lill-Istati Membri biex iżidu l-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u taħriġ dwar il-Karta fost l-atturi ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem – filwaqt li jirrikonoxxu r-rwol tal-FRA f'dan ir-rigward. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill jenfasizzaw ukoll l-importanza li tiġi pprovduta informazzjoni aċċessibbli dwar id-drittijiet minquxa fil-Karta lill-"pubbliku ġenerali".

**FIGURA 2: SENSIBILIZZAZZJONI DWAR L-ISTRUMENTI EWLENIN TAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM (EU-27, %)**




Noti:
Mir-rispondenti kollha fl-EU-27 li ntalbu jimlew it-taqsima "Sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet u responsabbiltajiet" tal-istħarriġ (n = 24 354); riżultati ponderati.

*Sors: FRA, Stħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali 2019 [Ġbir ta' data f'kooperazzjoni mas-CBS (NL), mas-CTIE (LU) u ma' Statistics Austria (AT)]*



# FEHMIET DWAR IL-FUNZJONAMENT TAS-SOĊJETÀ DEMOKRATIKA U L-PARTEĊIPAZZJONI POLITIKA

**Iż-żgħażagħ jagħtu livell aktar baxx ta' importanza minn gruppi ta' età akbar lil diversi aspetti tal-funzjonament ta' soċjetajiet demokratiċi li l-istħarriġ staqsa dwarhom.**

## OPINJONI 3 TAL-FRA

Sabiex jissaħħaħ l-involviment taż-żgħażagħ fil-funzjonament tas-soċjetà demokratika, bħala pilastru ewlieni għat-tgawdija tad-drittijiet fundamentali, il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri għandhom iqisu s-sejbiet tal-istħarriġ – li juru li ż-żgħażagħ ta' bejn is-16 u d-29 sena jagħtu livelli aktar baxxi ta' importanza lill-aspetti ewlenin tad-demokrazija – fl-implimentazzjoni tal-**Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ** 2019–2027. Din l-istrateġija, fil-livell tal-UE, tinkludi "iż-żieda fil-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-ħajja demokratika inkluż l-aċċess għal informazzjoni ta' kwalità validata minn sorsi ta' fiduċja, u l-promozzjoni tal-parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet Ewropej u elezzjonijiet oħrajn". Huwa importanti li ż-żgħażagħ ikunu involuti direttament f'dan il-proċess.

L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jikkunsidraw ix-xejriet li qed jevolvu tal-involviment politiku taż-żgħażagħ u jesploraw modi ġodda ta' involviment u komunikazzjoni effettiva maż-żgħażagħ fl-Ewropa kollha.

- ★ 86 % tan-nies jemmnu li elezzjonijiet ħielsa u ġusti huma importanti ħafna għad-demokrazija. B'mod ġenerali, tlieta minn kull ħames persuni jew aktar jagħtu importanza kbira lil kull wieħed mis-sitt elementi tad-demokrazija li l-istħarriġ staqsa dwarhom. Ir-riżultati jvarjaw minn 60 % sa 86 %, skont l-aspett li l-istħarriġ staqsa dwaru. (Għal lista tal-mistoqsijiet preċiżi li saru, ara l-kaxxa.)
- ★ Iż-żgħażagħ fil-grupp ta' età ta' bejn is-16 u d-29 sena konsistentement jagħtu livell aktar baxx ta' importanza lis-sitt aspetti tad-demokrazija li l-istħarriġ staqsa dwarhom, meta mqabbla mal-gruppi ta' età akbar. Pereżempju, iż-żgħażagħ (58 %) jagħtu anqas importanza lil kwistjonijiet bħal-libertà tal-partiti tal-oppożizzjoni li jikkritikaw lill-gvern milli jagħmlu l-gruppi ta' età akbar (70 % tan-nies ta' bejn l-54 u l-64 sena u 69 % tan-nies li għandhom 65 sena jew aktar).
- ★ L-Artikolu 165 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE jirrikjedi li l-Unjoni tieħu azzjoni biex tħeġġeġ il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-ħajja demokratika fl-Ewropa. L-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ 2019-2027, il-qafas għall-kooperazzjoni tal-politika tal-UE dwar iż-żgħażagħ, trawwem il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-ħajja demokratika filwaqt li tappoġġa wkoll l-involviment soċjali u ċiviku tagħhom. Barra minn hekk, ir-**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2020 rigward il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa** temmen li l-iżgurar tal-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ se jkun parti essenzjali mill-impatti dejjiema tal-Konferenza, u titlob li jiġu organizzati avvenimenti speċifiċi taż-żgħażagħ f'dan il-kuntest.



# Xi staqsa l-istħarriġ?

## Kemm taħseb li huma importanti l-affarijiet li ġejjin għad-demokrazija?

- Li l-elezzjonijiet ikunu ħielsa u ġusti
- Li l-votanti jiddiskutu l-politika ma' nies oħra qabel ma jiddeċiedu kif jivvutaw
- Li l-partiti tal-oppożizzjoni jkunu liberi li jikkritikaw lill-gvern
- Li r-rappurtar mill-midja jkun ħieles mill-influwenza tal-gvern
- Li d-drittijiet ta' gruppi ta' minoranza jiġu protetti
- Li ċ-ċittadini jkollhom l-aħħar kelma dwar il-kwistjonijiet politiċi l-aktar importanti billi jivvutaw dwarhom direttament fir-referenda

Ir-rispondenti setgħu jwieġbu kull entrata billi jagħżlu valur minn skala, li jvarja minn "1 – Mhu importanti xejn" għal "7 – Importanti ħafna". Barra minn hekk, ir-rispondenti li ma għażlux waħda minn dawn il-kategoriji ta' tweġibiet ingħataw l-għażla li jwieġbu "nippreferi ma ngħidx" jew "ma nafx".

**FIGURA 3: META WIEĦED IQIS IL-LIBERTÀ TAL-PARTITI TAL-OPPOŻIZZJONI LI JIKKRITIKAW LILL-GVERN BĦALA TA' IMPORTANZA KBIRA, NIES TA' BEJN IS-16 U D-29 SENA U TA' 65 SENA U AKTAR, SKONT IL-PAJJIŻ (%)[a,b]**




Noti:

[a] Mir-rispondenti kollha fl-EU-27, fir-Renju Unit u fil-Maċedonja ta' Fuq, li ntalbu jimlew it-taqsima "Sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet u responsabbiltajiet" tal-istħarriġ (n = 26 045); riżultati ponderati.

[b] Ir-rispondenti setgħu jwieġbu kull entrata billi jagħżlu valur minn skala, li jvarja minn "1 – Mhu importanti xejn" għal "7 – Importanti ħafna". Barra minn hekk, ir-rispondenti li ma għażlux waħda minn dawn il-kategoriji ta' tweġibiet ingħataw l-għażla li jwieġbu "nippreferi ma ngħidx" jew "ma nafx". Ir-riżultati ta' hawn fuq huma bbażati fuq il-valuri 6 jew 7 li għażlu r-rispondenti fuq l-iskala ta' seba' punti.

*Sors: FRA, Stħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali 2019 [Ġbir ta' data f'kooperazzjoni mas-CBS (NL), mas-CTIE (LU) u ma' Statistics Austria (AT)]*

## In-nies jemmnu fil-prinċipji demokratiċi – iżda wisq iħossuhom li "tħallew lura" mill-politika u mill-politiċi mainstream.

### OPINJONI 4 TAL-FRA

Sabiex titjieb il-parteċipazzjoni politika fl-UE, huma meħtieġa sforzi konġunti biex tiġi indirizzata s-sejba tal-istħarriġ li l-maġġoranza tan-nies iħossu li "l-partiti u l-politiċi mainstream ma jimpurtahomx minn nies bħali", li huwa rifless ukoll fis-sejba li n-nies iħossu li l-opportunitajiet ta' impjieg tagħhom jitnaqqsu jekk ma jappartjenux għall-partit politiku fil-poter. L-UE u l-Istati Membri jeħtieġ li jagħtu attenzjoni partikolari lil dawk il-gruppi fis-soċjetà li jħossuhom l-aktar maqtugħin mill-proċessi demokratiċi – bħal nies li qed jitħabtu bl-introjtu attwali tagħhom.

Id-"djalogi maċ-ċittadini", u l-konsultazzjonijiet relatati, huma għodda stabbilita ta' involviment fl-UE biex jippruvaw jintlaħqu gruppi differenti fis-soċjetà fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' politika importanti. Madankollu, dawn l-għodod jeħtieġu reviżjoni sinifikanti sabiex jintlaħqu dawk li huma ekonomikament żvantaġġati u fi sforz biex jiġu involuti b'mod sistematiku.

Soċjetà ċivili vibranti, flimkien ma' midja indipendenti, pluralista u responsabbli – imsejsa fuq il-libertà tal-espressjoni – teħtieġ appoġġ fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri għar-rwol li jaqdu fit-tisħiħ tal-impenn demokratiku bħala mezz ta' ħarsien tad-drittijiet fundamentali.

- ★ Il-maġġoranza tan-nies fl-UE (60 %) jaqblu jew jaqblu ħafna li l-partiti u l-politiċi mainstream ma jimpurtahomx minnhom.
- ★ Is-sens li "il-partiti u l-politiċi mainstream ma jimpurtahomx minn nies bħali" jiżdied fost in-nies li jbatu biex ilaħħqu mal-ħajja bl-introjtu tal-unità domestika tagħhom, dawk li waslu sal-edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell, kif ukoll nies li jiffaċċjaw limitazzjonijiet severi fit-tul fl-attivitajiet tas-soltu tagħhom (minħabba diżabbiltà jew problemi tas-saħħa fit-tul). Pereżempju, 73 % tan-nies li jsibuha diffiċli jew diffiċli ħafna biex ilaħħqu mal-ħajja bl-introjtu attwali tal-unità domestika tagħhom jaqblu ma' din id-dikjarazzjoni. B'paragun ma' dan, 45 % ta' dawk li jlaħħqu mal-ħajja b'mod faċli jew faċli ħafna jagħmlu dan.
- ★ 63 % jaħsbu li n-nies għandhom aktar ċans li jiġu impjegati jekk ikunu jappartjenu għall-partit politiku li jkun fil-poter. Ir-riżultati juru varjazzjonijiet kbar bejn l-Istati Membri tal-UE f'termini ta' kemm in-nies jaħsbu li dan huwa l-każ. B'mod partikolari, dawn il-fehmiet huma aktar komuni fost in-nies li qed jitħabtu biex ilaħħqu mal-ħajja.

Id-demokrazija hija, flimkien mad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, wieħed mit-tliet pilastri li jankra l-Unjoni Ewropea, u t-tlieta huma fost il-valuri fundamentali tal-Unjoni, kif stabbilit fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Is-separazzjoni tas-setgħat, il-libertajiet politiċi, it-trasparenza u r-responsabbiltà huma prinċipji rikonoxxuti internazzjonalment ta' demokrazija stabbilita sew u li tiffunzjona tajjeb. Id-drittijiet tal-bniedem, jew b'mod simili, id-drittijiet fundamentali – kif imsemmi fil-kuntest intern tal-UE – huma kruċjali għall-funzjonament tajjeb tas-soċjetajiet demokratiċi fl-UE.

Il-**Programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini"** tal-UE, li għandu l-għan li jtejjeb il-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni ċivika u demokratika taċ-ċittadini fil-livell tal-UE, huwa parti importanti mis-sett ta' għodod tal-UE għat-trawwim tal-involviment demokratiku. Il-**Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa** hija eżerċizzju demokratiku pan-Ewropew ewlieni li għandu l-għan li jinvolvi ruħu b'mod aktar effettiv maċ-ċittadini tal-UE. Huwa mekkaniżmu ieħor fejn l-UE tipprova tinvolvi ruħha maċ-ċittadini fir-rigward tal-proċessi demokratiċi – allinjati mal-prinċipji stabbiliti fil-Karta dwar id-drittijiet taċ-ċittadini, bħad-dritt tal-vot u d-dritt tal-kandidatura fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew (l-Artikolu 39), u d-dritt tal-vot u dritt tal-kandidatura fl-elezzjonijiet muniċipali (l-Artikolu 40).

**"Id-drittijiet tal-bniedem jiġu segwiti meta wieħed ikollu kuntatti politiċi. Il-persuna komuni mhix protetta."**

*(Mara, 65+ sena, rispondent tal-istħarriġ, Spanja)*

## FIGURA 4: FEHMIET DWAR ID-DIKJARAZZJONI "IL-PARTITI U L-POLITIĊI MAINSTREAM MA JIMPURTAHOMX MINN NIES BĦALI", SKONT KARATTERISTIĊI SOĊJODEMOGRAFIĊI MAGĦŻULA (EU-27,%)[a,b]




Noti:

a Mir-rispondenti kollha fl-EU-27 li ntalbu jimlew it-taqsima "Sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet u responsabbiltajiet" tal-istħarriġ (n = 24 354); riżultati ponderati.

b Għad-dettalji dwar il-varjabbli soċjodemografiċi użati fl-analiżi, ara l-Anness I tar-rapport ewlieni.

*Sors: FRA, Stħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali 2019 [Ġbir ta' data f'kooperazzjoni mas-CBS (NL), mas-CTIE (LU) u ma' Statistics Austria (AT)]*

**Kwart tan-nies jaħsbu li l-ġudikatura mhijiex indipendenti, u wieħed minn kull ħamsa jaħsbu li l-NGOs u l-organizzazzjonijiet tal-karità qatt ma huma ħielsa mill-intimidazzjoni mill-gvern.**

## OPINJONI 5 TAL-FRA

Is-sejba li ftit aktar minn wieħed minn kull erba' ċittadini tal-UE jaħsbu li l-imħallfin f'pajjiżhom ma jistgħux jagħmlu xogħolhom mingħajr l-influwenza tal-gvern – li huwa għoli daqs wieħed minn kull żewġ persuni f'xi Stati Membri – tindika li huma meħtieġa miżuri konkreti biex titjieb il-fiduċja pubblika fl-indipendenza tal-ġudikatura. Mingħajr tali fiduċja, il-prinċipji demokratiċi ewlenin u d-drittijiet fundamentali, bħad-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust, kif ukoll id-dritt għall-ugwaljanza u għal amministrazzjoni tajba, jiġu mminati.

Minħabba li s-sejbiet tal-istħarriġ juru li wieħed minn kull ħames persuni jaħsbu li l-NGOs u l-organizzazzjonijiet tal-karità qatt ma huma ħielsa mill-intimidazzjoni mill-gvern, huwa essenzjali li l-Istati Membri jirrispettaw il-libertajiet u d-drittijiet tal-atturi tas-soċjetà ċivili.

L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jiġbru b'mod sistematiku data indipendenti u robusta dwar l-opinjoni pubblika rigward l-indipendenza ġudizzjarja, kif ukoll dwar il-kapaċità tal-NGOs u l-organizzazzjonijiet tal-karità li joperaw mingħajr l-influwenza tal-gvern. Dan se jipprovdi lill-Kummissjoni u lil istituzzjonijiet oħra tal-UE, kif ukoll lill-Istati Membri, b'bażi ta' evidenza addizzjonali għall-formulazzjoni ta' azzjoni ta' segwitu. Tali data tista' wkoll tinforma inizjattivi importanti, bħall-valutazzjoni annwali tal-Kummissjoni tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri.

- ★ Wieħed minn kull erba' persuni (27 %) fl-UE jaħsbu li, f'pajjiżhom, l-imħallfin "qatt" jew "rarament" jistgħu jagħmlu xogħolhom mingħajr l-influwenza tal-gvern. Ir-riżultati jvarjaw minn 47 % fil-Kroazja sa 11 % kemm fid-Danimarka kif ukoll fil-Finlandja.
- ★ 37% tan-nies fl-UE jaħsbu li l-NGOs u l-organizzazzjonijiet tal-karità kważi dejjem jew dejjem jistgħu jagħmlu xogħolhom mingħajr intimidazzjoni mill-gvern. Sadanittant, 34 % jaħsbu li dan huwa l-każ xi drabi. Wieħed minn kull ħamsa (21 %) jemmnu li dan qatt ma huwa l-każ jew rarament huwa possibbli.

F'konformità mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE (id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust), il-qrati indipendenti huma essenzjali biex tiġi ggarantita l-protezzjoni ġudizzjarja effettiva tad-drittijiet fundamentali. Protezzjoni ġudizzjarja effettiva, li hija kemm dritt fundamentali kif ukoll prinċipju ġenerali tad-dritt tal-UE, hija "espressjoni konkreta" tal-istat tad-dritt, kif enfasizzat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-każistika tagħha skont l-Artikolu 19 (1) tat-TUE – pereżempju, fil-Kawża C-64/16, **Associação Sindical dos Juízes Portugueses** (sentenza tas-27 ta' Frar 2018, il-para. 32).

**"Biex tinħatar imħallef, l-ewwel għandek bżonn il-konnessjonijiet, għalhekk l-influwenza tibda anke f'dan l-istadju."**

*(Mara, ta' bejn il-45 u l-54 sena, parteċipanta fi grupp fokus, il-Bulgarija)*

L-ebda demokrazija ma tista' tirnexxi mingħajr soċjetà ċivili attiva, kif deskritt fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar *It-tisħiħ tal-istat tad-dritt fl-Unjoni* – ippubblikata f'Lulju 2019. F'dan il-kuntest, il-Karta tinkludi d-drittijiet għal-libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni (l-Artikolu 12), u l-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni (l-Artikolu 11). Dawn japplikaw għall-Istati Membri tal-UE meta jkunu qed jaġixxu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-UE u jkunu ta' importanza partikolari f'kif jappartjenu għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-UE.



**FIGURA 5: PERĊEZZJONIJIET DWAR IL-KAPAĊITÀ TAL-IMĦALLFIN LI JAGĦMLU XOGĦOLHOM MINGĦAJR L-INFLUWENZA TAL-GVERN, SKONT IL-PAJJIŻ (%)[a,b]**




*Sors: FRA, Stħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali 2019 [Ġbir ta' data f'kooperazzjoni mas-CBS (NL), mas-CTIE (LU) u ma' Statistics Austria (AT)]*

Noti:

[a] Mir-rispondenti kollha fl-EU-27, fir-Renju Unit u fil-Maċedonja ta' Fuq li ntalbu jimlew it-taqsima "Sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet u responsabbiltajiet" tal-istħarriġ (n = 26 045); riżultati ponderati.

[b] Il-kategoriji tat-tweġibiet użati fl-istħarriġ kienu "Qatt", "Rarament", "Xi drabi", "Ħafna mid-drabi", "Dejjem", "Nippreferi ma ngħidx" u "Ma nafx". Fil-figura, xi wħud mill-kategoriji tat-tweġibiet oriġinali ġew ikkombinati, kif indikat fit-tikketti tal-kategorija.





# AMMINISTRAZZJONI TAJBA U KORRUZZJONI FIS-SERVIZZI PUBBLIĊI

**Dawk l-aktar fil-bżonn ta' għoti ta' servizz tajjeb mill-amministrazzjoni pubblika – bħal nies bi problemi tas-saħħa fit-tul – jindikaw li jiffaċċjaw sfidi partikolari.**

## OPINJONI 6 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar id-drittijiet tan-nies fir-rigward tas-servizzi pubbliċi tingħata fil-ħin u tkun aċċessibbli għal kulħadd. Dawn għandhom jiffukaw b'mod partikolari fuq gruppi li jistgħu jkunu l-aktar fil-bżonn ta' tali servizzi – bħal nies bi problemi tas-saħħa fit-tul jew b'diżabilità, inklużi l-anzjani.

- ★ F'termini ta' problemi meta wieħed ikun involut mal-amministrazzjoni pubblika u l-awtoritajiet lokali, in-nies ħafna drabi jsemmu li l-kwistjoni tagħhom ħadet żmien twil biex tiġi pproċessata, u li huma ffaċċjaw diffikultajiet biex isibu informazzjoni rilevanti.
- ★ In-nies li jiffaċċjaw limitazzjonijiet fit-tul fl-attivitajiet tas-soltu tagħhom (minħabba diżabilità jew problemi tas-saħħa fit-tul), kif ukoll nies b'edukazzjoni tal-ewwel livell jew b'mezzi ekonomiċi limitati, isibuha aktar diffiċli biex isibu informazzjoni dwar is-servizzi pprovduti mill-amministrazzjoni pubblika u mill-awtoritajiet lokali.
- ★ Wieħed minn kull għaxar persuni (11 %) iqisu li ma ġewx trattati bl-istess mod bħal oħrajn mill-amministrazzjoni pubblika.

Pereżempju, 17 % tan-nies li jlaħħqu mal-ħajja b'diffikultà jew b'diffikultà kbira jemmnu li ma ġewx trattati bl-istess mod bħal oħrajn mill-amministrazzjoni pubblika jew mill-awtoritajiet lokali. B'paragun ma' dan, 8 % tan-nies li jlaħħqu mal-ħajja b'mod faċli jew faċli ħafna jemmnu dan.

- ★ Nies li jesperjenzaw limitazzjonijiet severi fit-tul fl-attivitajiet tas-soltu (minħabba diżabilità jew problemi tas-saħħa fit-tul) huma aktar probabbli li jiffaċċjaw problemi fir-rigward tas-servizzi pprovduti mill-amministrazzjoni pubblika u mill-awtoritajiet lokali: 54 %, meta mqabbel ma' 39 % għal nies mingħajr limitazzjonijiet. Bl-istess mod, in-nies li jsibuha diffiċli biex ilaħħqu bl-introjtu tal-unità domestika tagħhom huma aktar probabbli li jiffaċċjaw problemi bħal dawn: 48 %, meta mqabbla ma' 39 % tan-nies li jlaħħqu mal-ħajja b'mod pjuttost faċli jew faċli ħafna.



**“Bħala omm ta’ wild b’diżabilità, huwa xokkanti li tesperjenza kemm tirċievi ftit għajnuna u gwida fir-rigward tad-drittijiet, l-opportunitajiet, eċċ.”**

*(Mara, ta’ bejn it-30 u l-44 sena, rispondent tal-istħarriġ, id-Danimarka)*

Madankollu, nies b’edukazzjoni għolja jindikaw ukoll rata ogħla ta’ problemi bis-servizzi pprovduti mill-amministrazzjoni pubblika u mill-awtoritajiet lokali, meta mqabbla ma’ nies li lestew mhux aktar mill-edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell. Din is-sejba li tista’ tirrifletti aspettattivi ogħla tal-għoti ta’ servizzi fost dawk aktar edukati.

Id-dritt għal amministrazzjoni tajba, kif espress fl-Artikolu 41 tal-Karta, huwa dritt fundamentali li jifforma parti integrali mill-ordni ġuridiku tal-UE. Bħala prinċipju ġenerali tad-dritt tal-UE, dan jorbot ukoll lill-Istati Membri meta jkunu qed jaġixxu fil-kamp ta’ applikazzjoni tad-dritt tal-UE. L-obbligi nazzjonali ġenerali jirriżultaw ukoll mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB) u l-każistika relatata tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem – relatati mal-kunċett ta’ governanza tajba b’mod partikolari. Skont dawn l-istandards minimi, kull persuna għandha d-dritt li dak kollu li jirrigwardaha jiġi ttrattat b’mod imparzjali, ġust u fi żmien raġonevoli mill-awtoritajiet pubbliċi. Aspetti oħra relatati jinkludu t-trasparenza u l-aċċess għall-informazzjoni, li huma għodod kruċjali fil-kontrolli u l-bilanċi nazzjonali.

Ir-rwol tal-amministrazzjoni pubblika u tal-awtoritajiet lokali biex jagħmlu l-informazzjoni aċċessibbli u faċli biex tinftiehem – servizz essenzjali f’ċirkostanzi normali – isir ta’ importanza kbira f’sitwazzjonijiet eċċezzjonali, bħall-pandemija tal-coronavirus (COVID-19) tal-2020.

**“L-amministrazzjoni pubblika taħdem bil-mod wisq, xi kultant iddum ġimgħat biex tirċievi tweġiba għat-talbiet, u meta tirċiviha, l-informazzjoni tant tkun diżorganizzata li ma tkunx tista’ tinftiehem.”**

*(Raġel, 65+ sena, rispondent tal-istħarriġ, il-Ġermanja)*





**FIGURA 6: ESPERJENZA TA' PROBLEMA WAĦDA JEW AKTAR META WIEĦED IKUN INVOLUT MAL-AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA/L-AWTORITAJIET LOKALI FIL-ĦAMES SNIN TA' QABEL L-ISTĦARRIĠ, SKONT KARATTERISTIĊI SOĊJODEMOGRAFIĊI MAGĦŻULA (EU-27,%)[a,b,c]**




*Sors: FRA, Stħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali 2019 [Ġbir ta' data f'kooperazzjoni mas-CBS (NL), mas-CTIE (LU) u ma' Statistics Austria (AT)]*

**Noti:**

a Mir-rispondenti kollha fl-EU-27 li ntalbu jimlew it-taqsima "Esperjenzi tal-ħajja ta' kuljum" tal-istħarriġ (n = 26 493); riżultati ponderati.

b Il-kategorija "Iva" turi l-proporzjon ta' nies li esperjenzaw mill-anqas waħda mis-sitt problemi elenkati fl-istħarriġ fir-rigward tal-amministrazzjoni pubblika u l-awtoritajiet lokali.

c Għad-dettalji dwar il-varjabbli soċjodemografiċi użati fl-analiżi, ara l-Anness I fir-rapport ewlieni.

**Il-korruzzjoni hija problema f'xi Stati Membri aktar minn oħrajn, u taffettwa b'mod partikolari s-settur tas-saħħa. Nofs iż-żgħażagħ iqisu t-tixħim ta' livell baxx bħala aċċettabbli.**

- Ftit nies (4 %) biss fl-UE esperjenzaw uffiċjal pubbliku jew impjegat taċ-ċivil li jitlob jew jistenna favur, bħal rigal jew donazzjoni, bi skambju għal servizz partikolari. Madankollu, f'xi Stati Membri tal-UE dan huwa aktar komuni, u jiżdied għal kważi persuna minn kull ħamsa li qed tesperjenza din il-forma ta' korruzzjoni f'xi pajjiżi.
- Il-korruzzjoni fir-rigward tas-servizzi tas-saħħa hija meqjusa bħala problema partikolari. Fl-Ungerija, fis-Slovakkja, fil-Kroazja u fil-Latvja, aktar minn 60 % tan-nies jgħidu li wieħed irid, tal-anqas xi drabi, jagħti rigal jew jagħmel xi tip ta' favur ieħor lil xi ħadd biex jingħata trattament aħjar fl-isptarijiet pubbliċi.
- Madankollu, waħda minn kull erba' persuni (24 %) jemmnu li xi kultant jew dejjem ikun aċċettabbli li jingħata rigal lil uffiċjal pubbliku jew impjegat taċ-ċivil biex iħaffef il-kwistjonijiet f'każijiet urġenti. Aktar minn 50 % tan-nies fis-Slovakkja, fiċ-Ċekja u fil-Kroazja tal-anqas xi drabi jqisuha aċċettabbli li jagħtu rigal lil uffiċjal pubbliku jew impjegat taċ-ċivil jew jagħmlulhom favur biex jirreaġixxu aktar malajr għal talba urġenti. B'paragun ma' dan, 20 % jew anqas għandhom din il-fehma fl-Iżvezja, f'Malta, fil-Finlandja u fil-Portugall.
- B'mod partikolari, 48 % tan-nies fil-grupp ta' età ta' bejn is-16 u d-29 sena jsibuha aċċettabbli li jagħtu rigal jew li jagħmlu favur, meta mqabbla ma' anqas minn 35 % fi gruppi ta' età oħra.

Il-korruzzjoni taffettwa d-drittijiet fundamentali skont il-Karta, il-KEDB, u strumenti internazzjonali oħra tad-drittijiet tal-bniedem. B'mod partikolari, hija tikser il-prinċipji tal-ugwaljanza u tan-nondiskriminazzjoni (l-Artikolu 20 u 21 tal-Karta). Skont is-settur – li jvarja mill-impjieg sal-kura tas-saħħa – imbagħad tikser drittijiet oħra wkoll.

## OPINJONI 7 TAL-FRA

Ir-rabta bejn rati għoljin ta' prevalenza jew aċċettazzjoni għall-korruzzjoni u l-impatt li jirriżulta minnhom fuq id-drittijiet ewlenin tan-nies – bħall-ugwaljanza tal-aċċess għas-servizzi tal-gvern – jeħtieġ li tiġi rikonoxxuta u indirizzata direttament mill-amministrazzjonijiet pubbliċi fl-UE kollha. Dan jista' jsir billi ssir enfasi fuq il-ħaddiema f'ċerti setturi ewlenin — bħall-kura tas-saħħa – fejn hemm prevalenza għolja ta' korruzzjoni, u fuq partijiet tal-popolazzjoni — bħaż-żgħażagħ – fejn l-aċċettazzjoni ta' xi forom ta' tixħim tidher li hija ogħla, billi tiġi sottolinjata l-illegalità tal-korruzzjoni u tad-dritt tan-nies għal amministrazzjoni tajba u l-ugwaljanza f'dan ir-rigward.

Għal dawk l-Istati Membri fejn l-istħarriġ jindika li l-prevalenza jew l-aċċettazzjoni attwali tal-korruzzjoni tista' tkun aktar komuni, il-korpi governattivi – appoġġati mis-soċjetà ċivili – jeħtieġ li jagħmlu kull sforz biex inaqqsu dawn ir-rati. Mod wieħed kif dan jista' jiġi indirizzat huwa billi jiġi żgurat li fl-iżborż tal-fondi tal-UE, b'mod partikolari l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, il-kundizzjonijiet abilitanti proposti jinkludu referenza għall-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE dwar id-dritt għal amministrazzjoni tajba. Dan għandu jiġi mmonitorjat b'mod sistematiku mill-korpi rilevanti tal-UE, bħall-Qorti tal-Awdituri u l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF).

Peress li l-korruzzjoni tikkostitwixxi ostaklu sistemiku sinifikanti għar-realizzazzjoni tad-drittijiet fundamentali, din għandha ssir aspett permanenti għall-monitoraġġ bħala parti mill-mekkaniżmu l-ġdid Ewropew tal-istat tad-dritt – abbażi ta' evidenza robusta u komparabbli. Dan jista' jservi biex jappoġġa r-rwol tal-UE fir-rigward tal-korpi eżistenti li jaħdmu fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, b'mod partikolari l-grupp ta' stati kontra l-korruzzjoni (GRECO) tal-Kunsill tal-Ewropa.

Fil-prattika, id-drittijiet soċjali jintlaqtu l-aktar ta' spiss. Il-korruzzjoni fis-settur tas-saħħa taffettwa d-dritt ta' kulħadd għall-ogħla standard ta' saħħa li jista' jintlaħaq (l-Artikolu 35 tal-Karta). Fis-settur tal-edukazzjoni, id-dritt għall-edukazzjoni (l-Artikolu 14 tal-Karta) huwa kkontestat. Min-naħa l-oħra, il-korruzzjoni fis-settur ġudizzjarju tikser id-dritt għal proċess ġust u għal rimedju effettiv (l-Artikolu 47 tal-Karta), li huma strumentali fl-infurzar tad-drittijiet tal-bniedem l-oħra kollha u fil-prevenzjoni tal-impunità. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' ġudikatura indipendenti jrawwem nuqqas ta' fiduċja fl-istituzzjonijiet pubbliċi, u b'hekk jimmina r-rispett għall-istat tad-dritt u d-demokrazija.

**"It-tobba tal-isptarijiet pubbliċi dejjem jistennew rigal sabiex jagħtuk kura aħjar."**

*(Raġel, ta' bejn is-16 u d-29 sena, rispondent tal-istħarriġ, Ċipru)*

**FIGURA 7: FEHMIET DWAR L-AĊĊETTABBILTÀ LI JINGĦATA RIGAL LIL UFFIĊJAL PUBBLIKU JEW IMPJEGAT TAĊ-ĊIVIL JEW LI JSIRLU FAVUR JEKK TKUN MEĦTIEĠA XI ĦAĠA URĠENTI MINNU, SKONT IL-PAJJIŻ (%)**




- Aċċettabbli xi drabi jew dejjem
- Qatt mhu aċċettabbli
- Ma nafx jew nippreferi ma ngħidx

*Sors: FRA, Stħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali 2019 [Ġbir ta' data f'kooperazzjoni mas-CBS (NL), mas-CTIE (LU) u ma' Statistics Austria (AT)]*

Noti:
Mir-rispondenti kollha fl-EU-27, fir-Renju Unit u fil-Maċedonja ta' Fuq (n = 34 948); riżultati ponderati.



Dan is-sommarju jippreżenta s-sejbiet ewlenin mill-ewwel rapport tal-FRA dwar l-Istħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali. Il-FRA ppubblikat diversi pubblikazzjonijiet oħra li jippreżentaw ir-riżultati magħżula mill-istħarriġ. Dawn huma disponibbli fuq is-sit web tal-FRA.









EUROPEAN UNION AGENCY FOR FUNDAMENTAL RIGHTS

# "NIPPROMWOVU U NIPPROTEĠU D-DRITTIJIET FUNDAMENTALI TIEGĦEK FL-UE KOLLHA"

Dan is-sommarju jippreżenta l-informazzjoni intuwittiva ewlenija mill-ewwel rapport tal-FRA bbażat fuq l-Istħarriġ tagħha dwar id-Drittijiet Fundamentali. L-istħarriġ ġabar *data* minn madwar 35 000 persuna dwar l-esperjenzi, il-perċezzjonijiet u l-fehmiet tagħhom dwar firxa ta' kwistjonijiet li huma koperti b'mod varjat mid-drittijiet tal-bniedem.

Is-sommarju jiffoka fuq is-sejbiet fir-rigward tal-fehmiet tar-rispondenti dwar id-drittijiet tal-bniedem – jew id-drittijiet fundamentali – il-fehmiet u l-perċezzjonijiet tagħhom dwar il-funzjonament tas-soċjetajiet demokratiċi – bħala pilastru li fuqu jistgħu jiffjorixxu d-drittijiet tal-bniedem; u dwar il-ħsibijiet tagħhom dwar u l-involviment mas-servizzi pubbliċi li għandhom id-dmir li jinfurzaw il-liġi dwar id-drittijiet tal-bniedem u li jipproteġu d-drittijiet tan-nies.

L-Ugwaljanzà | In-nondiskriminazzjoni | Access għall-ġustizzja | L-istat tad-dritt | Il-Karta tal-UE dwar id-Drittijiet Fundamentali

SUSTAINABLE DEVELOPMENT GOALS

**FRA – L-AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAD-DRITTIJIET FUNDAMENTALI**
Schwarzenbergplatz 11 – 1040 Vjenna – L-Awstrija
Tel. +43 1580-60 – Fax +43 1580 30-699

fra.europa.eu

facebook.com/fundamentalrights
twitter.com/EURightsAgency
linkedin.com/company/eu-fundamental-rights-agency

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea